**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 979/01 AJD**

**Dolceria Percius Co. Ltd.**

**vs**

**Marco Barbara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru, 2001, fejn gie premess li l-konvenut ordna ikel u servizz ghall-festin mizmum f'Tal Mirakli, Lija, u hallas hamsin lira Maltin (Lm50.00) depozitu akkont. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas il-bilanc ta' mitejn u sitta u disghin lira Maltin (Lm296.00), li ghalkem gie interpellat biex ihallas huwa baqa' inadempjenti.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Zammit Maempel, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u

jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sitta u disghin lira Maltin (Lm296.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**